17 ta' Mejju, 1952

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Toni Bezzina

**Korruzzjoni ta' Minorenni — Kwerela — Rinunzja — Appell — Piena — Art. 23 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali l-liġi ma tqiegħedx bħala kriterju uniku l-fatt li si tratta ta' l-ewwel reat, imma ssemmi ċirkustanzi oħra li għandhom jiġġwidaw il-Qorti fid-diskrezzjoni lilha fdata, fosthom "the trivial nature of the offence".*

*Ir-rinunzja għall-kwerela f'materja ta' korruzzjoni ta' minorenni ma tipperimix l-azzjoni, meta l-attijiet tal-korruzzjoni jkunu saru f'post publiku jew espost għall-publiku; għax f'dan il-każ ir-reat ikun persekwibili "ex officio".*

*Ir-rinunzja tal-kwerelant, meta l-akkuża hija magħmula "ex officio", għalkemm ma tipperimix l-azzjoni, tiswa għall-minoranza tal-piena. Kieku kien hemm minimum tal-piena, dik ir-rinunzja aktarx kienet tikkostitwixxi ċirkustanza speċjali u eċċezzjonali fis-sens ta' l-art. 23A., biex tiġi applikata piena taħt il-minimum; u għalhekk, meta ma hemmx minimum, ma jidherx li ma għandhiex ugualment tittieħed in konsiderazzjoni biex tiġi mitigata l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti.*

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tas-17 ta' Marzu 1952 l-imputat ġie misjub ħati ta' reat kontinwat ta' korruzzjoni ta' minorenni u kundannat għall-piena ta' lavuri furzati għal żmien seba' xhur;

L-imputat appella; iżda, kif jidher mill-verbal tat-3 ta' Mejju 1952, illimita l-appell tiegħu għat-talba ta' l-applikazzjoni ta' l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali, ċjoè għall-hekk imsejjaħ "benefit of first offenders";

Trattat l-appell fuq dan il-pont, il-Qorti għamlet dawn ir-riflessjonijiet;

F'dina s-sedi ta' l-appell, missier il-minorenni, kif jidher mill-verbal ukoll tat-3 ta' Mejju 1952, iddikjara li hu ma jitlobx soddisfazzjon mill-imputat. S'intendi, din id-dikjarazzjoni ma tipperimix l-azzjoni; għaliex dan hu każ persekwibili "ex officio" minħabba li l-attijiet saru f'post publiku jew espost għall-publiku; u lanqas id-difensur ma għamel il-prova tagħha għal

daqshekk, imma biss sabiex jirriżulta fattur ġdid li jista' jikkonkorri għall-applikazzjoni tal-beneficċju mitlub;

Veramenti dan hu l-ewwel reat ta' l-imputat, għax sal-lum dan kellu kondotta ineċċepibili; iżda fl-art. 23 Kap. 12 il-liġi ma tqiegħedx bħala kriterju uniku l-fatt li si tratta ta' l-ewwel reat, imma ssemmi ċirkustanzi oħra li għandhom jiggwidaw lill-Qorti fid-diskrezzjoni lilha fdata; fosthom "the trivial nature of the offence";

Issa, f'dan il-każ, forsi, kieku kien att fugaċi, u fil-konkors taċ-ċirkustanzi l-oħra tal-preċedenti bwona kondotta u tad-dikjarazzjoni ta' missier it-tifel, il-Qorti kienet tista' tikkunsidra l-konċessjoni tal-beneficċju mitlub; imma hawn si tratta ta' azzjonijiet ripetuti, kostitwenti kull darba r-reat kompjut, f'okkażjonijiet u f'postijiet differenti, matul perijodu ta' għaxar xhur, ċjoè minn April ta' l-1951, sa Frar ta' l-1952; u għalhekk kważi jkun kontrosens li taħt dawn il-kontinġenzi l-fatt jiġi kunsidrat "trivial", għaliex mhux biss kien hemm pertinaċja kriminuża fl-imputat għal żmien protratt, imma minbarra dan kienet qiegħda tiġi impeduta kull darba r-riġenerazzjoni morali tat-tifel bir-ripetizzjoni tal-fatt;

Il-Qorti, għalhekk, ma tħossx li għandha tapplika l-beneficċju invokat. Iżda l-fattur intervenut f'din is-sedi ta' l-appell, tad-dikjarazzjoni tal-missier, għandu jiġi meħud in konsiderazzjoni għal minorazzjoni tal-piena. Infatti, kieku kien hemm minimum fil-piena, dik id-dikjarazzjoni kienet aktarx tikkostitwixxi ċirkustanza speċjali u eċċezzjonali fis-sens ta' l-art. 23A. sabiex tiġi applikata piena taħt il-minimum; u għalhekk, meta ma hemmx minimum, ma jidherx li ma għandhiex tittieħed ugwalment in konsiderazzjoni biex tiġi mitigata l-piena. Veru li ċ-ċirkustanza tal-lok publiku tirrendi inutili, għall-finijiet tal-proċedibilità, dik id-dikjarazzjoni tal-missier, u li r-reat jgħaddi fid-dominju publiku; imma jibqa' dejjem li f'din ix-xorta ta' reati s-sodisfazzjon talprivat, li jkun leż bir-reat, hija fattur mhux traskurabili; u konsegwentement lanqas għandu jkun fattur traskurabili l-fatt li, avvolja r-reat ikun persekwibili "ex officio", il-parti leża tiddikjara li ma titlobx sodisfazzjon; bħal meta, in materja analoga, f'każ ta' serq, li hu wkoll persekwibili "ex officio", jekk il-ħalliel ikun irrestitwixxa jew obliga ruħu validament

li jinvestitwixxi r-"res furtiva", il-Qorti soltu tieħu in konsiderazzjoni dik iċ-ċirkustanza, avvolja tinteressa l-parti danneġġjata bir-reat, fil-qies tal-piena;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tipprovdi fuq l-appell fis-sens biss li, ferma s-sentenza fil-meritu, tirriduċi d-durata tal-piena għal żmien erba' xhur.